**18 ta' Ottubru, 1963.**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Maria armla Azzopardi et

*versus*

Giuseppe Sciberras

**Servitù "Per Destinazione del Padre di Famiglia" — Separazzjoni tal-Fondi — Estensjoni tas-Servitu.**

*Is-servitu "per destinazione del padre di famiglia" tiġi kreata meta jiġi ppruvat li ż-żewġ fondi issa maqsumin kienu ta' l-istess sid, u li kien dan is-sid li qiegħed jew ħalla lill-ħaġa fl-istat li minnu titnissel is-servitù.*

*Il-kawża ġuridika li minnha tiġi s-separazzjoni taż-żewġ fondi hija indifferenti. Dik il-kawża tista' tinstab ukoll fl-aljenazzjoni ta' wieħed mill-fondi, jew ta parti mill-istess fond, magħmula mill-istess proprietarju f'ħajtu.*

*Huwa prinċipju li f'materja ta' servitu, jekk ikun hemm dubbji dwar l-estensjoni tagħha "quod minimum est sequimur."*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — wara li ppremettiet illi hi proprjetarja ta' l-utili dominju perpetwu u benefikati tal-mezzanin u garage taħtu u ma' ġenbu li qegħdin Birkirkara, John Borg Street, imissu min-Nofs-in-Nhar u mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' Giuseppe Sciberras u illi l-istess garage igawdi s-servitu attiva ta' tieqa li tagħti fuq il-bitħa tal-konvenut u illi l-konvenut arbitrarjament u bla dritt għalaq din it-tieqa; — talbet illi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija il-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kkundannat sabiex jerġa' jiftaħ din it-tieqa fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tagħtih il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklusi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju, 1961;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa illi d-domanda ta' l-attriċi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt, billi l-fond tiegħu mhux soġġett għal ebda servitù ta' tieqa favur il-fond ta' l-attriċi kif allegat minnha. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti ta' l-4 ta' April, 1963 li biha ddeċidiet billi laqgħet id-domanda ta' l-attriċi u

għall-finijiet tagħha pprefiġġiet lill-konvenut iż-żmien perentorju ta' sitt ijiem. L-ispejjeż, kompriżi dawk li ġew riservati, jitħallsu mill-konvenut. Salv lill-attriċi kull rimedju ieħor skond il-liġi f'każ ta' inadempjenza da parti tal-konvenut, wara li kkunsidrat:

Omissis. . . . . . . .

Rat in-nota tal-konvenut li biha appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi revokata u t-talba ta' l-attriċi tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

Rat ir-risposta ta' l-appellata li qalet illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż anki ta' din l-istanza.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-aggravji dedotti mill-appellant fil-petizzjoni tiegħu huma tlieta u huma rijassunti hekk:—

(1) Il-ġudizzju quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienx integru;

*(2) It-tieqa ndikata fiċ-ċitazzjoni bħala l-bażi tal-kawża mhix il-loġġ li fuqu ngħatat is-sentenza; u*

(3) Anke għal-loġġ ma hemmx servitù.

Bażi ta' l-aggravvju numru 1 kien il-fatt illi l-fond ta' l-attriċi li għalih hi rreklamat is-servitù imsemmija fiċ-ċitazzjoni kien ġie akkwistat fil-kors taż-żwieġ tagħha mal-mej-

jet żewġha: il-kommunjoni ta' l-akkwisti fiż-żmien li bdiet il-kawża kienet għadha ndiviża, u għalhekk il-kawża ma setgħetx issir mill-attriċi waħedha iżda messha saret mill-komproprjetarji kollha, ċioe mill-attriċi u wkoll minn uliedha kollha, eredi ta' missierhom.

Iżda, peress illi rriżulta illi l-attriċi, apparti mis-sehem tagħha fil-komunjoni ta' l-akkwisti kellha wkoll l-użufrutt universali ta' l-assi ta' żewġha, il-konvenut permezz ta' l-avukat tiegħu, irrinunzja għall-eċċezzjoni proċedurali kontemplata f dan l-ewwel aggravju, kif jidher mill-verbal reġistrat fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 1963. Għalhekk il-Qorti mhix sejra tittrattjeni ruħha ulterjorment dwar dik l-eċċezzjoni.

Fit-tieni lok l-appellant jilmenta illi s-sentenza appellata ddeċidiet fuq "loġġ" li hemm fil-garage, mentri t-tieqa li tissemma fiċ-ċitazzjoni teżisti fil-mezzanin, li hu wkoll ta' l-attriċi, sovrappost għall-garage. Ġa la darba mhux biss fiċ-ċitazzjoni imma anki fid-dikjarazzjoni annessa magħha ġiet speċifikata servitu partikolari b'riferenza għall-kuntratt li minnu suppost kienet tirriżulta anzi bid-deskrizzjoni tagħha meħuda mill-istess kuntratt, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħatx, fis-sottomissjoni ta' l-appellant, tokkupa ruħha dwar servitù differenti (ara verbal fuq ġa ċitat).

Dwar dan l-aggravju, huwa veru, bħala fatt, illi fiċ-ċitazzjoni, meta issemmiet "is-servitu attiva ta' tieqa", saret riferenza in parentesi għad-Dok. A. u l-istess referenza reġgħet saret fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni fejn it-tieqa ġiet deskritta li għandha "un riparo in legno . . . in modo che da detta finestra non si potra guardare su detti beni di Giuseppe Sciberras". Hu veru wkoll, kif jissottometti l-appellant, illi t-tieqa msemmija fid-Dok. A., ċioe fil-kuntratt

li kopja tiegħu tinsab eżibita, ma għandha x'taqsam xejn mat-"tieqa" li hemm fil-garage, imma hi tieqa li teżisti fil-megazzin sovrastanti. Fil-verbal ġa fuq imsemmi Dr. Fenech Adami għall-appellata ammetta illi r-riferenza għad-Dok. A., hi żbaljata: iżda hu ssottometta illi b'dan kollu m hemm ebda tibdil f'dak li kien mill-bidu, akond iċ-ċitazzjoni tirriferixxi "expressis verbis" għas-"servitu attiva ta' tieqa" li "jgawdi l-garage". Fid-dikjarazzjoni ukoll jingħad illi l-"garage" għandu servitu attiva ta' tieqa". Issa, fil-garage, m'hemmx ħlief il-loġġ jew finestrun li ġie msejjaħ tieqa u d-diskussjoni kollha fil-kawża saret appuntu dwar dik it-tieqa. Il-konvenut stess fehem ċar mill-ewwel — nonostanti r-riferenza żbaljata li saret mill-attriċi għad-Dok. A. — għal liema apertura ċ-ċitazzjoni kienet tirriferixxi. Infatti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, jew aħjar fid-dikjarazzjoni annessa magħha, hu rriferixxa ruħu l-ħin kollu għat-"tieqa" tal-garage għalkemm il-fond ma semmiehx b'dan l-isem. Meta hu qal illi l-fond ta' l-attriċi li kien oriġinarjament tiegħu, meta biegħu "ma kellux tieqa" u li, in segwitu hu ta permess lis-sid li xtara "biex jiftaħ tieqa" li, mbagħad, hu raġa għalaqha, l-appellant ma kienx manifestament qed jirriferixxi għat-tieqa tal-mezzanin li kienet teżisti fiż-żmien tal-bejgħ u qatt ma ingħalqet u għadha miftuħa sal-lum, anki jekk il-prospett minnha hu mpedut b'ripar (delu).

Il-provi kollha miġjuba miż-żewġ partijiet fil-kawża rriferew ruħhom għat-tieq' tal-garage u għalhekk huwa ċar illi s-sentenza appellata ma ppronunzjatx ruħha fuq servitu diviża minn dik li kienet tifforma l-oġġett tal-kawża, iżda fuq it-'tieqa' tal-garage li fiċ-ċitazzjoni ġiet pretiża li tikkostitwixxi servitu attiva favur tiegħu. Id-Dok. A., ġie nvokat biss bħala prova ta' dik is-servitu u sintendi, in kwantu jirriżulta, kif intqal, illi r-riferenza għal dak il-kuntratt saret żbaljatament għax f'dak il-kuntratt it-'tieqa' in kwistjoni ma

tissemmiex, l-istess kuntratt, bħala prova, huwa rrilevanti. Imma l-fatt li tonqos din il-prova ma jġib ebda kambjament fl-oġġett tad-domanda li, kif intqal, hu t-tieqa tal-garage.

Anqas ma hemm ebda tibdil fil-kawżali tat-talba għaliex l-għeluq li fiċ-ċitazzjoni jingħad li għamel arbitrarjament l-appellant, jirriferixxi appuntu għat-tieqa ta' l-garage: u dan twieqi oħra ħlief it-tieqa, jew loġġ jew finestru li dwaru ttratteniet ruħha l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ma għandux.

Għalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa nfondat.

Jibqa t-tielet aggravju li jirrigwarda l-meritu veru u proprju.

Il-pretensjoni ta' l-appellata, kif formulata mill-avukat tagħha fil-verbal ċitat hija illi **"il-loġġ jew finestrin imsejjaħ tieqa fiċ-ċitazzjoni jikkostitwixxi servitu tad-dawl li hija kontinwa u apparenti u għalhekk setgħet tiġi kif ġiet kos titwita per destinazione del padre di famiglia".**

Issa jekk din l-apertura tikkostitwixxi servitu ma' jidherx li jista jkun hemm dubju — u ebda dubju ma tqanqal — dwar in-natura kontinwa u apparenti tagħha kif definiti dawn il-karattri fl-artikolu 492 tal-Kodiċi Ċivili.

Anqas jidher illi din l-apertura tista' tiġi kunsidrata bħala dik li tisejjaħ "rewwieħa" u li skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ma tagħtix lok għal servitu. Jidher, anki mill-verbal ta' l-aċċess miżmum mill-ewwel Onorabbli Qorti, illi din l-apertura mhix xi toqba aktarx żgħira u nformi bħalma soltu jkunu l-irwejjaħ pratikati aktarx għan-nifs jew ventilazzjoni, imma hi apertura ta' daqs ġmielu, ma dwar tliet piedi u nofs jew erba' piedi wiesgħa u xi żewġ piedi

għolja, ta, forma regolari, destinata għad-dawl. Il-garage fejn tinsab jidher li għandu *ventilaturi* oħra regolari. Mixxhieda stess ta' l-appellant jidher illi din l-apertura kienet originarjament loġġ jew *finestrin* ta' bieb li mill-garage kien jagħti għall-fond tal-istess appellant, meta *ż-żewġ* fondi kienu t-tnejn tiegħu u *kienu* jikkomunikaw ma xulxin.

Similment ma jidherx illi għal aperatura bħal din tapplika l-ġurisprudenza li rriteniet illi t-twieqi miftuħa ġo fond proprju fuq terran tal-viċin għad mhux mibni ma' jikkostitwixx servitu iżda eżerċizzju ta' att ta' sempliċi tolleranza u *sofferenza* prekarju sa kemm it-terran ma jimbeniex. Hawn si tratta ta' apertura li tagħti għal fuq bitħa jew ġardina ta' dar mibnija.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti dik l-apertura tista' tikkostitwixxi servitu jekk jirrikorru r-rekwiżiti l-oħra rikjesti milliġi għall-kreazzjoni u eżistenza tagħha.

Kif ġa ntqal l-appellata tippretendi illi, fil-każ preżenti, is-servitu ġiet kreata bid-destinazzjoni 'del padre di famiglia'.

Skond l-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili servitu kontinwa u apparenti tista' tiġi kreata b'dak il-mod u skond l-artikolu 505 hi tiġi hekk kreata meta jiġi ppruvat illi *ż-żewġ* fondi issa maqsumin, kienu ta' l-istess sid u illi kien dan is-sid li qiegħed jew ħalla l-ħaġa fl-istat li minnu *titnissel* is-servitu.

M'hemmx kwistjoni illi, sakemm fl-14 ta' Lulju, 1936 il-garage issa ta' l-attriċi flimkien ma mezzanin in parti soprappost għalih ġie mibjugħ mill-appellant lill-Carmelo Sammut *iż-żewġ fondi*, *ċioe* tant dan imsemmi kemm il-fond viċin issa *pretiż servent*, kienu jappartjenu lill-appellant. Isseparazzjoni saret b'dak il-bejgħ. Fis-sentenza riportata fil-Vol. XVI, II, 151 ġiet aċċettata d-dottrina tal-Borsari, li tid-

her li hija dik aktarx komuni, fis-sens illi "è indifferente la causa giuridica onde nasce la separazione dei due fondi che formavano un sol patrimonio, un sol tutto nelle mani dell'antico proprietario: **quella causa può bene ritrovarsi anche nella alienazione di uno dei fondi o di una porzione dello stesso fondo eseguita in vita del proprietario medesimo."**

Il-kwistjoni hi jekk jistax jingħad illi l-appellant, meta permezz ta' dak il-bejgħ, saret is-separazzjoni taż-żewġ fondi, poġġiex jew ħalliex l-affarijiet fi stat li minnu tinħoloq is-servitu. Din hi kwistjoni ta' fatt dipendenti mill-provi.

L-ewwel Onorabbli Qorti li semgħet u rat ix-xhieda quddiema dehrilha li l-provi ta' l-attriċi fuq dan il-punt kienu aktar attendibbli minn dawk tal-konvenut. Ċertament il-provi verament u direttament rilevanti huma dawk li jirriferixxu għall-istat eżistenti fil-mument li fih saret is-separazzjoni permezz, fil-każ preżenti, ta' dak il-bejgħ. Iżda m'hemm xejn kuntrarju li jsir dak li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, ċioe li jiġu eżaminati provi li jirriferixxu għal fatti li ġraw wara, in kwantu li minnhom setgħa jittieħed argoment u jinġibdu innferenzi dwar dak l-istat.

Din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biex ma taqbelx mal-konklużżjoni dwar l-eżistenza tas-servitu li waslet fiha — wara eżami dettaljat u perspikaċi tal-provi — dik l-Onorabbli Qorti; ix-xhieda prinċipali relativament għall-istat ta' l-apertura in kwistjoni fil-mument tal-bejgħ huma minn naħa l-waħda Carmelo Sammut u minn naħa l-oħra l-appellant. Sammut jgħid illi dak iż-żmien fil-garage "kien hemm loġġ għad-dawl għal ġol-ġnien u kellu ħadid biss: kien jidħol id-dawl minnu . . . . il-loġġ kien magħluq biss bil-ħadid: injam ma kienx hemm. Ma jidhirliex li kellu injam . . . minn għand

il-konvenut xtrajt il-garage b'dak il-loġġ . . . . il-loġġ kien miftuħ".

Veru li dan ix-xhud li kien qed jixhed 26 sena wara, wera xi inċertezzi ta' memorja dwar jekk il-loġġ issemmiex fil-kuntratt u dwar id-daqs tal-loġġ li ser jissemma iktar 'l-quddiem: imma dwar l-eżistenza tiegħu meta hu xtara l-fond u l-fatt li kien miftuħ għad-dawl hu deher għal kollox żgur. U x-xhieda tiegħu, fuq daqshekk tidher korroborata mill-inferenzi li jistgħu jinġibdu mill-provi l-oħra ta' l-attriċi.

L-appellant verament ma jinnegax illi dak il-loġġ kien jeżisti: iżda hu jgħid li qabel il-bejgħ "għamel patt fil-kuntratt li l-apertura fejn hemm il-bieb jibnieha bil-ġebel u l-finestrin jimbarrah bl-injam" u li fil-fatt hekk għamel: x-xogħol sar u l-kuntratt ġie magħmul wara li ingħalaq il-bieb u sar l-injam fil-finestrin. "L-appellant ikompli jgħid illi l-finestrin ingħalaq bl-injam min naħa tal-bitħa tiegħu u l-injam kien jgħatti l-finestrin kollu b'mod li ma kienx iħalli dawl jew arja tidħol fil-garage."

Issa appuntu f'din l-aħħar stqarrija ta' l-appellant din il-Qorti jidhrilha li hemm inverosomiljanza kbira. Ġa ntqal illi skond l-istess xhieda ta' l-appellant l-apertura in kwistjoni kienet il-loġġ ta' bieb li kien jikkomunika l-garage mal-bitħa tal-fond li baqa ta' l-appellant. Dan il-bieb l-appellant imbarrah bil-ġebel. Kieku tassew l-idea kienet illi l-loġġ ma jibqax biex jaqdi l-funzjoni naturali tiegħu, li ċioe jagħti d-dawl lill-garage, wara il-bejgħ, iżda kellu jingħalaq b'mod, kif jgħid l-appellant, illi jitgħatta kollu b'mod li ma jħallix la dawl u lanqas arja jidħlu ġol-garage, dak li wieħed naturalment u raġonevolment u verosimilment jistenna li l-appellanti kien jagħmel kien ikun li jibqa' sejjer, xogħol wieħed, bl-imbarrar bil-ġebel mill-bieb għal-loġġ ukoll: inkella

jimbarraħ bil-ġebel minn ġewwa kif jgħid li f'xi żmien għamel il-militar.

Mill-bqija din il-Qorti ma jidhrilieх li hemm għalfejn jiġu ripetuti l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti in sostenn tat-teżi ta' l-appellata fuq l-eżistenza tas-servitu. Punt li kkaġuna ċerta preokkupazzjoni lill-Qorti jirrigwarda l-estensjoni tas-servitu minħabba d-daqs ta' l-apertura. Huwa prinċipju illi f'materja ta' servitu, jekk ikun hemm dubju dwar l-estensjoni tagħha "quod minimum est sequimur" (Vol. XXX, I, 139). Issa Carmelo Sammut meta ra l-loġġ in kwistjoni waqt l-aċċess qal: "it-tieq ta' isfel, dik li tagħti mill-garage għall-bitħa tal-konvenut ma kienetx ta' l-għoli kif qed naraha llum: kellha għoli ta' xi tmien pulzieri" u reġa' irripeta: "meta xtrajt il-garage t-tieqa ma kienetx kif inhi llum imma kienet aktar baxxa: il-weisgħa tagħha kien l-istess. Anqas il-ħadid li jgħattiha ma kien hekk kif inhu llum. Jidhirli li l-ħadid kien magħmul waħda waħda minn fuq għal isfel, dritti." Iżda l-Qorti taħseb li dan hu aktarx żball tal-memorja. Infatti l-appellant stess li kien preżenti waqt l-aċċess u sama lill-Sammut jixhed ma qal xejn dwar id-daqs ta' l-apertura jew li l-ħadid tagħha kien kiber jew tbiddel, l-anqas meta reġa' xehed, wara l-aċċess. Anzi meta kien xehed qabel kien qal illi l-ħadid qatt ma' mesħha mit-tieqa u lanqas ma jista' jitnehha; kliem li juri illi la fid-daqs ta' l-apertura u lanqas fil-ħadid li kien hemm ma kien sar l-ebda kambjament.

Imbagħad mill-provi l-oħra li nstemgħu anqas jidher illi kien sar xi kambjament. Għalhekk huwa leġittimu li wieħed jirritjeni, nonostante ix-xhieda ta' Carmelo Sammut fuq dan il-punt, illi għal dak li hu kobor u għamla tal-ħadid, il-loġġ għadu issa l-istess kif kien dak inhar illi s-servitu ġiet kostitwita kif intqal fuq.

Punt ieħor li l-Qorti kkunsidrat hu jekk dan il-loġġ oriġinarjament kellux ħġieġ. Dan hu punt importanti mill-punto di vista ta' l-appellant, in kwantu li wieħed mill-ilmenti tiegħu hu appuntu li, minn dan il-loġġ miftuħ kien jinstama anki l-kliem ħażin mill-garage għall-bitħa tiegħu. Carmelo Sammut, qal illi, meta *l-garage xtrah hu, il-loġġ ma kellux* ħġieġ. Iżda fuq dan il-punt Sammut m'hux talli m'hux korroborat minn ebda prova oħra jew minn inferenzi minn provi oħra, iżda talli hu kontraddett mhux biss mill-appellant iżda ukoll minn Beatrice Sammut. L-appellant xehed: "*Il-finestrin* **kellu ħġieġ**, *pero* dana tkisser fi żmien il-gwerra għaliex kienet waqgħet bomba fil-viċin u jiena ma kontx erġajt għamiltu l-ħġieġ." Bice Sammut xehdet illi meta huma xtraw il-garage (ċioe fl-1940) "jidhrilha li l-finestrin kien bil-ħġieġ . . . . mill-ħġieġ kien jgħaddi d-dawl." In bażi għall-prinċipju ġa fuq imsemmi illi d-dubju dwar l-estensjoni u l-entita tas-servitu għandu *jibbenefika lill-fond serventi*, din il-Qorti jidhrilha illi għandha tirritjeni li l-loġġ kien magħluq bl-ħġieġ meta s-servitu inħolqot bid-"destinazione del padre di famiglia" u li l-appellant għandu d-dritt jirriprestinah jekk jidhirlu, biex inaqqas is-soġġezzjoni li *altrimenti s-servitu* tikkaġunalu.

Fl-aħħarnett il-Qorti jidhrilha li m'għandu jkun hemm ebda dubju illi din l-apertura kellha sservi **għad-dawl biss.** Dan jgħiduh anki x-xhieda kollha ta' l-attriċi. Żgur li ma kienitx isservi għall-prospett fil-bitħa jew ġnien ta' l-appellant. *Jekk hu naturali li wieħed jaħseb illi*, meta hu ġie biex ibiegħ il-garage, il-loġġ ħallieh u ma nbarrahx bħal ma mbarra l-bieb ta' taħtu, biex il-garage jibqgħalu d-dawl, daqs tant ieħor hu ċar illi l-appellant li ħa premura fl-istess kuntratt, anzi qabel il-kuntratt ma sar, biex jaqta l-introspezzjoni mit-tieq tal-mezzanin permezz ta' delu ma kienx ser iħalli fl-istess ħin jew irid introspezzjoni minn din l-aper-

tura. Dan il-loġġ kien fil-għoli u biża raġonevoli ta' introspezzjoni *allura ma kienx hemm. Iżda minn mindu fil-garage* imbena r-raff din l-introspezzjoni saret wisq aktar faċli u nfatti l-appellant u martu u ibnu xehdu illi ġie li raw lill-inkwilini tal-garage iħarsu ġo fihom. Il-Qorti jidhrilha li minn din l-introspezzjoni l-appellant għandu dritt li jkun protett. Bin l-attriċi stess irrikonoxxa l-leġittimita ta' dan id-dritt ta' l-appellant u r-raġonevolezza li jkollu rimedju kontra dan il-perikolu meta, wara l-ittra ta' l-appellant, hu għamel delu ta' *l-injam min-naħa ta' ġewwa*. Arranġament simili (li preferibilment għandu jsir minn barra għall-aħjar assigurazzjoni ta' l-appellant), fil-waqt li jimmantjeni l-eżerċizzju tas-servitu għall-oġġett li għalih ġiet kostitwita ċioe li jħalli d-dawl, jipprevjeni l-abbuż tagħha għall-skop ieħor li għalih dik is-servitu ma kienetx intiża.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tilqa t-talba ta' l-attriċi fis-sens li tordna lill-appellant li jneħħi fiż-żmien prefiss mill-ewwel Onorabbli Qorti dekorribbli pero mil-lum il-pjanċa tal-ħadid illi hu waħħal, iżda salv id-dritt ta' l-appellant, jekk irid, illi hu jagħlaq l-apertura b'tilar tal-ħġieġ li jħalli jgħaddi d-dawl u salv ukoll d-dritt tiegħu li jagħmel minn barra delu ta' l-injam li jimpedixxu l-introspezzjoni fil-fond tiegħu.

L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu kif ordnati fis-sentenza appellata. Dawk ta' l-appell minħabba ċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsu l-appellant.